MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tal-11 ta' Novembru 2015**

Rikors Maħluf Numru: 756/15 LM

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs.**

**Alexander Azzopardi (K.I. numru 433084(M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi **Bank of Valletta plc** (minn issa "is-soċjetà attriċi") ippreżentat fis-7 t'Awwissu, 2015 li jaqra hekk:

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt, fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon, datat 17 ta' Settembru 2004 (Dok. "A"), is-soċjetà attriċi ikkonċediet faċilitajiet bankarji lil Alexander Azzopardi.*

*2. Illi s-socjetà attriċi tinsab kreditriċi ta' Alexander Azzopardi fis-somma ta' tmienja u ħamsin elf, erba' mija u tnejn u tletin euro u tlieta u sittin ċenteżmu (€58,432.63), bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Alexander Azzopardi mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B5" u Dok. "C1 sa C5"), flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-14 ta' Mejju, 2015 sad-data tal-effettiv pagament;*

*3. Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn eżibit bħala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Alexander Azzopardi (a) naqas milli jħallas l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Alexander Azzopardi li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

*4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

*5. Illi l-konvenut Alexander Azzopardi ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 6 ta' Jannar, 2015, li kopja tagħha hija eżibita u mmarkata Dok 'D', sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dan baqa' inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (eżibit bħala Dok "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Alexander Azzopardi (a) naqas milli jħallas l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Alexander Azzopardi li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attriċi, u*

2. *Tikkundanna lil Alexander Azzopardi jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmienja u ħamsin elf, erba' mija u tnejn u tletin euro u tlieta u sittin ċenteżmu (€58,432.63), bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Alexander Azzopardi mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B5" u Dok."C1 sa C5"), flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-14 ta' Mejju, 2015 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 6 ta' Jannar, 2015 kontra l-konvenut li huwa nġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta ppreżentata fid-29 t'Ottubru 2015 mill-konvenut **Alexander Azzopardi** li permezz tagħha ammetta t-talbiet tas-soċjetà attriċi kif dedotti fil-konfront tiegħu.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti li ġew esebiti mis-soċjetà attriċi.

Rat ix-xhieda permezz tal-affidavit ta' Joseph Caruana, rappreżentant tal-Bank attur (fol. 28).

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Novembru, 2015 fejn in vista tal-istess ammissjoni l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Decide</u>**

**Fuq ammissjoni tal-konvenut, taqta' u tiddeciedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kollha kif dedotti kontra l-konvenut, bl-imgħaxijiet kif mitluba, u bl-ispejjeż kontra l-konvenut.**

**Moqrija**

--------------------TMIEM---------------------